**SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ**
**IT-TIENI ĊIKLU**

**Richard Nazzareno Farrugia**

# Iż-żwieġ u l-omosesswalità *fl-Iskrittura*

Każ ippreżentat bħala
parti mill-kors
tat-Teoloġija Morali

Mgr Anton Borg

Belt Victoria - Għawdex
Marzu 2008

# werrej


| | |
|---|---|
| il-każ | 03 |
| il-metodu | 04 |
| l-iskrittura u l-maġisteru | 05 |
| iż-żwieġ fl-iskrittura | 06 |
| l-omosesswalità fl-iskrittura | 09 |
| il-perusna omosesswali fit-tagħlim tal-maġisteru | 15 |
| bibliografija | 17 |

*il-każ*

IŻ-ŻWIEĠ U L-OMOSESSWALITÀ FL-ISKRITTURA

Xandru li għandu tendenza omosesswali kien f'diskussjoni ma' grupp ta' żgħażagħ li kienu qed jiddiskutu fuq iż-żwieġ ċivili u reliġjuż. Hu sostna li fil-Knisja għandu jkun hemm aktar apertura ta' moħħ billi taċċetta ż-żwiġijiet bejn persuni ta' l-istess sess. Pietru li hu studjuż tat-teoloġija afferma li l-Knisja trid titlaq mill-Iskrittura, li fiha nsibu antropoloġija u kunċett ta' żwieġ li l-Knisja ma tistax tibdel.

- Il-Maġisteru hu marbut mal-Kelma ta' Alla rivelata fil-Kotba Mqaddsa?
- X'tgħid l-Iskrittura dwar in-natura taż-żwieġ u dwar l-omosesswalità?

## *metodu*

Peress li hemm ħafna xi tgħid fuq iż-żwieġ u l-Iskrittura, sejrin nillimitaw id-diskussjoni tal-każ tagħna għal dawn il-punti, hija u tingħata riferenza għal dokumenti u kotba għal min ikun irid jaqra aktar. L-iskop hu li jingħataw linji ġenerali, imbagħad jingħata lok għad-diskussjoni tal-każ.

Il-punti li ser jiġu diskussi huma dawn:

1. L-Iskrittura u l-Maġisteru

2. Iż-żwieġ in kwantu "għaqda bejn raġel u mara" fl-Iskrittura (Ġenesi; Vanġeli Sinottiċi; Epistolarju Pawlin bla ma nidħlu fid-dettal fuq l-għanjiet taż-żwieġ; żwieġ u divorżju; żwieġ u adulterju)

3. L-omosesswalità fl-Iskrittura (ħarsa lejn it-testi skritturistiċi l-aktar importanti u li fuqhom il-Maġisteru jibni t-tagħlim tiegħu)

4. Iż-żwieġ u l-koppji omosesswali fid-dokumenti l-aktar riċenti tal-Maġisteru.

# 1

# l-iskrittura u l-maġisteru

Nibdew minnufih billi nagħtu tweġiba lill-ewwel mistoqsija tal-każ. Ir-relazzjoni bejn l-Iskrittura u l-Maġisteru hi imfissra sew fil-Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni *Dei Verbum* (18 ta' Novembru 1965) tal-Konċilju Vatikan II:

> It-Tradizzjoni Mqaddsa u l-Iskrittura Mqaddsa jagħmlu depożitu sagru wieħed tal-kelma ta' Alla fdat lill-Knisja...Id-dmir imbagħad li tinterpreta awtentikament il-kelma ta' Alla miktuba jew imwassla mit-tradizzjoni hu fdat biss lill-Maġisteru ħaj tal-Knisja illi jeżerċita l-awtorità tiegħu f'isem Ġesù Kristu. Dan il-Maġisteru iżda mhuwiex aqwa mill-kelma ta' Alla, imma jaqdiha billi jgħallem biss dak li ngħadda inkwantu, bil-kmand ta' Alla u bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu jisimgħu bi tjieba, iżommu bil-qdusija u jħarsu bil-fedeltà... Hi ħaġa ċara għalhekk, li t-Tradizzjoni Mqaddsa, l-Iskrittura Mqaddsa u l-Maġisteru tal-Knisja, b'dispożizzjoni l-aktar għarfa minn Alla, huma hekk marbutin u magħqudin flimkien li ma jistgħux jeżistu indipendentament, u t-tlieta flimkien, taħt il-ħidma ta' Spirtu Qaddis wieħed, iservu effikaċement għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ.[1]

Infatti, il-Maġisteru tal-Knisja Kattolika jibni t-tagħlim tiegħu fuq ir-relazzjonijiet sesswali omosesswali (bħalma f'kull materja oħra ta' fidi u morali) fuq dak li insibu fl-Iskrittura Mqaddsa. Fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* naqraw:

> Fuq il-bażi ta' l-Iskrittura, li turi l-omosesswalità bħala għemil mill-aktar ħażin (*ara Ġen 19:1-29*; *Rum 1:24-27*; *1Kor 6:10*; *1Tim 1:10*), it-Tradizzjoni dejjem għallmet li "kull għemil omosesswali hu fih innifsu diżordinat".[2]

Hawn nagħtu tweġiba għall-ewwel mistoqsija: il-Maġisteru hu *qaddej* tal-kelma ta' Alla u jaqdi lill-bniedem in kwantu bid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu, f'linja mat-tradizzjoni, jgħallem il-verità tar-Rivelazzjoni għax hi l-verità li tista' teħles lill-bniedem (cfr. Ġw 8:32).[3] Il-fidi mhix *accomodatio* li tpoġġi apparentament lill-bniedem komdu hekk li tqarraq bih:

> Today the evidence shows us that only mooring in the Church's faith safeguards the historical weight of the [biblical] text and makes possibile an adherence to the letter which is not fundamentalism. For without the living subject, either one must absolutize the letter, or else it vanishes into indefiniteness.[4]

---

[1] KONĊILJU EKUMENIKU VATIKAN II, *Kostituzzjoni* Dei Verbum (18 Nov 1965), 10 : *Id-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II,* Edizzjoni Studia 1983, 2003, 209-210. L-ittra fuq il-kura tal-persuni omosesswali (1986) tirreferi mill-ġdid għal dak li jgħallem il-Konċilju dwar l-interpetazzjoni ta' l-Iskrittura. Ara CONGREGATIONIS PRO DOCTRINA FIDEI, *Lettera sulla cura pastorale delle persone omosessuali* (*Homosexualitatis problema*), 5 (01 Oct 1986) : *Cura Pastorale delle Persone Omosessuali.* (= Documenti e studi 11), Vatikan 1995.

[2] KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA, 2357 : Malta 1993, 548.

[3] Tinstema' attwali t-twissija li nsibu fit-Tieni Ittra ta' Pietru: "*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu f'isem Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.*" (2Pt 1:20-21).

[4] JOSEPH RATZINGER, *The nature and mission of theology*, San Francisco 1995, 6. Aktar qabel jgħid: "*How stimulating, how wonderful it would be to renew the quest for that Jesus who is portrayed, not by this or that presumed source, but by the* real New Testament itself" [font-style tiegħi], ibid.

# 2
# Iż-żwieġ fl-Iskrittura

*"għaqda bejn raġel u mara"*

Nibdew b'riferenza għal dak li jgħallem il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* huwa u jikkwota l-Kostituzzjoni Konċiljari *Gaudium et spes* (n.48): "Il-komunità intima ta' ħajja u ta' imħabba tal-miżżewġin tqawwfet u ġiet mogħtija l-liġijiet proprji tagħha mill-Ħallieq. Alla nnifsu hu l-awtur taż-Żwieġ".[5] Din ir-rabta taż-żwieġ, "li biha raġel u mara flimkien iwaqqfu komunità ta' ħajja għall-għomorhom, u li min-natura tagħha tfittex il-ġid tal-miżżewġin u ukoll it-tnissil u l-edukazzjoni ta' l-ulied, għall-imgħammdin ġiet mgħollija minn Kristu l-Mulej, għad-dinjità ta' sagrament".[6]

- *« sa mill-bidu tal-ħolqien »*

Kristu, « jirrivela l-verità oriġinarja taż-Żwieġ, il-verità tal-"bidu" (ara Ġen 2:24; Mt 19:5) u, huwa u jeħles lill-bniedem mit-twebbis tal-qalb, jagħmlu kapaċi biex jirrealizzaha b'mod sħiħ ».[7]

F'argument li jkollu mal-Fariżej (Mk 10:2-12), dawn isemmulu t-*Torah*, imma jmorru lura sa Dt 24 :1 ("*Jekk raġel jieħu mara u jiżżewwigha, u mbagħad ma tkunx togħġbu għax ikun sab fiha xi ħaġa mhix xierqa, jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha f'idha, u jibgħatha 'l barra minn daru.*"). Ġesù jmur lura lejn dak li kien "fil-bidu": "*Iżda sa mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara. Għalhekk mela raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk m'humiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed.*" (Mk 10:6-8).

Nagħmlu xi osservazzjonijiet. L-ewwelnett, Ġesù jisħaq li ż-żwieġ mhux invenżjoni tal-bnedmin imma <u>ġej minn Alla</u>. It-tieni, l-użu tat-terminu *"ġisem"* (bl-Ebrajk: *l'vasahr*) jimplika l-<u>aktar għaqda intima immaġinbli</u>. San Pawl, elf sena wara l-awtur tal-Ġenesi, jasal għall-konklużjoni l-aktar ovvja: "*l-irġiel iħobbu n-nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom stess. Min iħobb 'il martu jkun iħobb lilu nnifsu. Qatt ħadd ma bagħad 'il ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja* (Ef 5:28-29).

- *Epistolarju Pawlin*

*|1Kor 7:1-12|*

**[1Kor:7:1]** Issa ngħidu xi ħaġa fuq li ktibtuli: tajjeb li raġel ma jmissx mara;**[1Kor:7:2]** imma minħabba ż-żína kull wieħed għandu jkollu martu u kull mara jkollha żewġha.**[1Kor:7:3]** Ir-raġel għandu jagħti lil martu li jmissha; hekk ukoll il-mara lil żewġha.**[1Kor:7:4]** Il-mara ma għandhiex dritt fuq ġisimha, iżda żewġha fuqha; hekk ukoll ir-raġel ma għandux dritt fuq ġismu, iżda martu fuqu.**[1Kor:7:5]** Iċċaħħdux lil xulxin minn xulxin, jekk ma tkunux ftehemtu minn qabel għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għat-talb u mbagħad terġgħu bħalma kontu qabel sabiex ma jittantakomx ix-Xitan jekk ma tkunux tifilħu żżommu.**[1Kor:7:6]** Dan qiegħed ngħidu bħala konċessjoni, u mhux b'ordni.**[1Kor:7:7]** Irrid li kulħadd ikun bħali; iżda kull wieħed għandu d-don tiegħu mingħand Alla: min

[5] KKK 1603 : 390.
[6] KKK 1601 : 389.
[7] ĠWANNI PAWLU II, Eżortazzjoni Apostolika *Familiaris consortio* (22 Nov 1981), 13.

ħaġa u min oħra.**[1Kor:7:8]** Lil dawk li m'humiex miżżewwġa jew huma romol, ngħidilhom li jkun tajjeb għalihom li jibqgħu bħali.**[1Kor:7:9]** Jekk imbagħad ma jifilħux jaħkmu lilhom infushom, ħalli jiżżewwġu; aħjar wieħed jiżżewweġ milli jinħaraq bil-passjoni.**[1Kor:7:10]** Lil dawk li huma miżżewwġin nordnalhom, mhux jien, iżda l-Mulej, li l-mara ma għandhiex tħalli lil żewġha -**[1Kor:7:11]** jekk tiġi li tħallih, għandha tibqa' bla tiżżewweġ jew terġa' tagħmel paċi ma' żewġha – u r-raġel ma għandux jitlaq lil martu.**[1Kor:7:12]** Lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: jekk wieħed mill-aħwa għandu martu ma temminx, u hi jogħġobha tgħammar miegħu, ma għandux jitlaqha.

F'*v.2,* bl-użu tal-possessiv (*martu; żewġha*) Pawlu qed jirreferi għaż-żwieġ monogamiku. Barra minn hekk, Pawlu jelenka waħda mill-funzjonijiet taż-żwieġ: biex iħares mill-*porneia,* mid-dnubiet sesswali (jerġa jmur għall-istess kunċett f'*v.9*).

Barra minn dan, f'*1Kor 7*, Pawlu jistqarr xi ħaġa li kienet singolari fi żmienu. Filwaqt li forsi aħna jolqotna aktar il-fatt li f'din is-silta Pawlu jitkellem mir-relazzjoni sesswali bħala obbligu-"dritt", dak li laqat lin-nies ta' żmienu kien il-fatt li Pawlu jgħallem l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, ugwaljanza li għandha bażi ġuridika ta' awtorità u obbligazzjonijiet.[8]

*|Ef 5:18-32|*

**[Efes:5:18]** U tiskrux bl-inbid, li fih hemm ħajja bla lġiem, iżda mtlew bl-Ispirtu.**[Efes:5:19]** Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej.**[Efes:5:20]** Roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu. **[Efes:5:21]** Oqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu.**[Efes:5:22]** Intom in-nisa oqogħdu għal żwieġkom bħallikieku għall-Mulej,**[Efes:5:23]** għax ir-raġel hu ras il-mara, bħalma Kristu hu ras il-Knisja, is-salvatur tal-Ġisem tiegħu.**[Efes:5:24]** Għalhekk, bħalma l-Knisja toqgħod għal Kristu, hekk ukoll in-nisa għandhom joqogħdu għal żwieġhom f'kollox.**[Efes:5:25]** Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha.**[Efes:5:26]** U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma u l-kelma**[Efes:5:27]** u biex iressaqha quddiemu, din il-Knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd.**[Efes:5:28]** Hekk għandhom ukoll l-irġiel iħobbu n-nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom stess. Min iħobb 'il martu jkun iħobb lilu nnifsu.**[Efes:5:29]** Qatt ħadd ma bagħad 'il ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja,**[Efes:5:30]** għax aħna lkoll membri tal-Ġisem tiegħu.**[Efes:5:31]** Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed.**[Efes:5:32]** Dan il-misteru - qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja - huwa kbir!**[Efes:5:33]** Għalhekk intom ukoll, kull wieħed minnkom, għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha.

Hawnhekk, Pawlu japplika l-viżjoni profetika ta' Iżrael bħala l-għarusa ta' YHWH għar-relazzjoni bejn Kristu u l-Knisja. Infatti, "l-għaqda ta' imħabba bejn Alla u l-bnedmin, li hi l-kontenut fundamentali tar-Rivelazzjoni u tal-fidi ta' Iżrael, issib espressjoni sinifikattiva fil-patt sponsali li jiġi mwaqqaf bejn ir-raġel u l-mara".[9] L-għaqda ta' imħabba ta' bejn ir-raġel u l-mara issir ix-xbieha u s-simbolu tal-Patt li jgħaqqad lil Alla u l-poplu tiegħu. Id-dnub, li jista' iweġġa' il-patt konjugali, isir xbieha ta' l-infedeltà tal-poplu lejn Alla tiegħu.[10]

Tassew, Kristu, fl-għotja ta' imħabba li jagħmel lill-umanità bl-Inkarnazzjoni u s-sagrifiċċju tas-salib, jirrivela dak li Alla naqqax fl-umanità tar-raġel u l-mara sa mill-ħolqien tagħhom. Iż-Żwieġ ta' l-imgħammdin isir għalhekk is-simbolu reali tal-Patt il-ġdid u etern, issiġilat bid-demm ta' Kristu:

> L-Ispirtu, li l-Mulej isawwab, jagħti qalb ġdida u jagħmel lir-raġel u lill-mara kapaċi biex iħobbu lil xulxin, bħalma ħabbna Kristu. L-imħabba konjugali tilħaq dik il-milja li għaliha hi ordinata interjorment, il-karità (imħabba) konjugali, li hi l-mod proprju u

[8] Ara THEODORE MACKIN, *What is marriage?*, New York 1982, 56.

[9] *Familiaris consortio*,12.

[10] Ara, per eżempju, Os 2:21,3; Ġer 3:6-13; Is 54; Eżek 16:25.

speċifiku li bih il-miżżewġin jissieħbu u huma msejħin biex jgħixu l-istess imħabba ta' Kristu li jingħata fuq is-salib. [11]

- *dokumenti tal-Knisja*

Fit-tagħlim tiegħu kontra l-legalizzazzjoni ta' 'żwiġijiet' omosesswali, il-Maġisteru tal-Knisja reġa' għafas fuq il-valur taż-żwieġ kif mifhum minn Alla bħala għaqda ta' bejn raġel u mara. Infatti, il-Maġisteru jgħid li ż-żwieġ għandu natura definittiva u karatteristiċi li ma jistgħux jiġu miċħuda. Dawn huma rikonoxxuti mill-kulturi kollha l-kbar tad-dinja:

> L-ebda ideoloġija ma tista tħassar mill-ispirtu uman iċ-ċertezza li ż-żwieġ jeżisti biss bejn raġel u mara, li b'għotja personali u reċiproka, proprja u esklussiva lil xulxin, jimxu lejn l-għaqda tal-persuni tagħhom. [12]

Fil-pjan tal-Ħallieq, il-kumplimentarjetà sesswali u l-fekondità jappartjenu lin-natura proprja taż-żwieġ,[13] tant li Kristu taha d-dinjità ta' sagrament. Hija u titlaq mill-Iskrittura (Ġn 1:24.28; Mt 19:3-12; Mk 10:6-9), il-Maġisteru jgħallem li l-fakultà sesswali fl-unjoni maritali għandha żewġ għanijiet – il-prokreazzjoni u l-għaqda ta' imħabba bejn raġel u mara.[14] Din il-finalità duplika trid tiġi rispettata f'kull att sesswali u tqiegħed in-norma li hu biss fir-relazzjoni maritali li l-użu tal-fakultà sesswali hija moralment tajba: "Għaldaqstant, ir-relazzjoni omosesswali huma ġġudikata żbaljata għax iż-żewġ finalitajiet huma nieqsa: il-prokreazzjoni u l-għaqda ta' imħabba bejn mara u raġel". [15]

Minbarra dan, il-Knisja tinsisti fuq il-valuri taż-żwieġ u tal-familja skond il-pjan ta' Alla għall-ġid ta' l-umanità u tas-soċjetà nnfisha minħabba li "il-kwistjoni kollha hi marbuta mal-liġi naturali morali" u għaldaqstant "l-argumenti [tal-Knisja] mhumiex biss indirizzati lil dawk li jemmnu fi Kristu, imma lill-bnedmin kollha li huma mpenjati biex jippromovu u jiddefendu l-ġid komuni tas-soċjetà". [16]

---

[11] *Familiari consortio,* 13.

[12] CDF, *Considerazioni circa i progetti di riconoscimento legale delle unioni tra persone omosessuali* (03 Jun 2003), 2 : Vaticano 2003,4.

[13] Ibid., 3 : 4-5.

[14] Ara CDF, *De Persona Humana* (1975), 8.

[15] RENÈ CAMILLERI, *Creating identities: Beyond the hermeneutic of suspicion*, in *Homosexuality. Challenging the stigma*. Proceedings of the V Malta Conference of Psychology organized by the Malta Union of Professional Psychologists with the participation of the Malta Gay Rights Movement 08 Feb 2002, edited by Paul A. Bartolo – Mark G. Borg, Malta 2003, 98.

[16] KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA, *Il-Knisja dwar rabtiet bejn koppji omosesswali* : *Atti tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex* (242/Ott 2003), 6 (suppl.), f'*Il-Ħajja f'Għawdex* (Għawdex/Malta Ott 2003).

# 3

# l-omosesswalità fl-Iskrittura

It-tagħlim tal-Knisja dwar l-omosesswalità mhux ibbażat fuq siltiet iżolati li nsibu fl-Iskrittura, imma fuq fundament storiku u kostanti li nsibu fix-xhieda biblika.[17] Tajjeb li wieħed jifhem tajjeb is-sens tat-test bibbliku u ma jżidx jew inaqqas minn dak li t-test irid ifisser jew jgħid.

F'dan il-kapitlu sejrin naraw it-testi prinċipali ta' l-Iskrittura fejn tissemma l-omosesswalità jew fejn hemm min jara presenza ta' relazzjoni omosesswali.[18] Dan sabiex inkunu nistgħu nwieġbu aħjar għall-oġġezzjonijiet li jagħmel Xandru fil-każ li qed niddiskutu.

*It-Testment il-Qadim*

- *Sodoma u Gibgħa* (Ġn 19:1-29)

F'dan ir-rakkont joħroġ ċar li t-talba li jagħmlu n-nies ta' Sodoma lil Lot hi dik li jkollhom x'jaqsmu sesswalment (il-verb huwa *yada'*) tant li Lot jitlobhom biex minflok jieħdu liż-żewġ uliedu bniet. Biex jgħinna naqraw aħjar it-test, nirreferu għal test parallel, dak ta' Gibgħa:

X'hin qorbu lejn Gebus, il-jum kien wasal fi tmiemu, u l-qaddej qal lil sidu:˝Ejja nduru lejn din il-belt tal-Gebusin, u nghaddu l-lejl hemmhekk˝.**[Judg:19:12]** U sidu wiegbu:˝Ma ndurux lejn belt il-barranin, li m'humiex minn ulied Iżrael. Ha nibqghu sejrin sa Gibgha˝.**[Judg:19:13]** U ssokta jghid lill-qaddej tieghu:˝Ejja naslu sa wiehed minn dawn il-postijiet u nghaddu l-lejl f'Gibgha jew Rama˝.**[Judg:19:14]** U baqghu sejrin sakemm lahaqhom inżul ix-xemx, hdejn Gibgha ta' Benjamin.**[Judg:19:15]** U lwew 'l hemm biex imorru jghaddu l-lejl f'Gibgha; u dahal u waqaf fil-misrah tal-belt, u ma kien hemm hadd li laqaghhom biex jghaddu l-lejl f'daru.**[Judg:19:16]** U ara, ragel xih kien gej fil-ghaxija minn fuq ix-xoghol fl-ghalqa. Kien ragel mill-muntanji ta' Efrajm, u kien frustier f'Gibgha; imma n-nies tal-post kienu wlied Benjamin.**[Judg:19:17]** U rafa' ghajnejh u ra r-ragel li kien ghaddej mill-misrah tal-belt, u r-ragel ix-xih qallu:˝Fejn sejjer? Mnejn gej˝?**[Judg:19:18]** U hu wiegbu:˝Gejjin minn Betlehem ta' Guda, u sejrin lejn il-qalba tal-muntanji ta' Efrajm. Jiena minn dawk l-inhawi, u mort sa Betlehem ta' Guda, u issa sejjer lejn dari, u ma hawn hadd li jilqaghni f'daru.**[Judg:19:19]** Ghandi tiben u ghalf ghall-hmir taghna, hobż u nbid ghalija, u ghall-qaddejja tieghek, u ghaż-żaghżugh tal-qaddej tieghek; xejn ma jonqosna˝.**[Judg:19:20]** U x-xih qallu:˝Is-sliem ghalik! Nahsiblek ghal kull ma tehtieg, biss la tghaddix il-lejl fil-misrah˝.**[Judg:19:21]** U hadu f'daru, tah l-ghalf ghall-hmir, haslu riglejhom, u kielu u xorbu.**[Judg:19:22]** Meta kienu qalbhom ferhana, xi rgiel tal-belt, nies mill-aghar, dawwru d-dar, u bdew ihabbtu fuq il-bieb u jghajjtu lix-xih, sid id-dar:˝Ohorgilna r-ragel li dahal f'darek, ha nużawh˝.**[Judg:19:23]** U hareg hdejhom ix-xih, sid id-dar, u qalilhom:˝Le, huti, la taghmlux din il-bluha! La darba dan ir-ragel dahal f'dari, la taghmlux dan l-ghajb.**[Judg:19:24]** Ara, ghandi 'l binti xebba u l-mara konkubina tieghu; nohroghomlkom u użawhom, u ghamlu bihom li joghgobkom, u 'l dan ir-ragel la taghmlulux dan l-ghajb˝.**[Judg:19:25]** Iżda huma ma ridux jisimghu u ghalhekk ir-ragel qabad il-konkubina u harighielhom barra; u huma żebilhuha, u nfexxew fiha l-lejl kollu sa filghodu, u malli sebah telquha.

Fiż-żewġ rakkonti li huma l-omosesswalità hi msemmija imma mhijiex l-argument prinċipali. F'*Ġn 19* Alla ried jivverefika kemm ir-residenti ta' Sodoma kienu midinbin kbar (hekk li jibgħat l-anġli tiegħu), waqt li anki fir-rakkont ta' l-Imħallfin, hu aktar aċċentwat il-fatt li "ulied Benjamin" ma laqgħux lill-barrani. Infatti, fiż-

[17] CDF, *Homosexualitatis problema*, 1 : 21.

[18] Il-materjal ta' dan il-kapitlu se jkun meħud prinċipalment minn INNOCENT HIMBAZA – ADRIAN SCHENKER – JEAN-BAPTISTE EDART, *Omosessualità nella bibbia*, Milan 2007. Inqisuh ktieb tajjeb u nissuġġeruh lil min ikun jixtieq jagħmel studju aktar dettaljat. Aħna hawnhekk ser nillimitaw ruħna għall-konklużjonijiet li jisiltu l-awturi.

żewġ każijiet, ir-rifjut ta' l-ospitalità hi espressa, fost l-oħrajn, fl-intenżjoni li n-nies (jew irġiel) tal-post jagħmlu atti ta' karattru omosesswali fuq il-viżitaturi għax iqisuhom bħallikieku oġġetti li jistgħu jagħmlu bihom li jridu.

Dawn it-testi wkoll juruna li l-omosesswalità kienet teżisti kemm fil-popli barranin kif ukoll f'Iżrael. Forsi hawn ma nistgħux nitkellmu minn omosesswali kif nifhmuha illum, imma għandna persuni li għandhom attrazzjoni markata jew esklussiva lejn persuni ta' l-istess sess.

Aktar importanti minn dan kollu, joħroġ ċar minn dawn ir-rakkonti li l-atti omosesswali huma disapprovati. Tant hu meqjus att "ħażin" jew "iblah" li Lot u ix-xiħ ta' *Imħ* jippreferu li jagħtuhom l-istess uliedhom bniet verġni. Saħansitra fir-rakkont ta' *Imħ* juri li r-redattur tat-test kien iqis inqas gravi li tikser il-ħarsien ta' l-ospitalità mill-istupru ta' raġel.

Allura, dawn is-siltiet jinsistu fuq il-ħarsien tal-barrani għax hu dgħajjef u jinsab fil-bżonn. Imma dawn it-testi wkoll jikkundannaw l-atti ta' natura omosesswali u l-istupru tan-nisa. Iżda wieħed ma jkunx preċiż jekk jiddefinixxi d-*dnub* ta' Sodoma bħala l-atti omosesswali għax dawn jidħlu fi kwadru ikbar ta' dnub: dak ta' l-inospitalità. Hekk Sodoma tispiċċa meqruda minn Alla, u n-nies ta' Gibgħa u l-ibliet l-oħra ta' Benjamin sfaw megħluba bis-sejf minn ulied Iżrael.

- *David u Ġonatan*

Dawk li jirraġunaw bħal Xandru – u anki oħrajn – ġeneralment jaslu biex jilmħu fil-ħbiberija bejn David u Ġonatan relazzjoni omosesswali. Sejrin hawnhekk naraw xi siltiet u noħorġu s-sens tagħhom.

*|1Sam 18:1-5|*

**[1Sam:18:1]** Malli David spicca jitkellem ma' Sawl, qalb Gonatan intrabtet ma' qalb David, u Gonatan habbu bhalu nnifsu.**[1Sam:18:2]** Dakinhar Sawl hadu mieghu, u ma halliehx imur f'dar missieru.**[1Sam:18:3]** U Gonatan u David ghamlu patt bejniethom, ghax kien ihobbu bhalu nnifsu.**[1Sam:18:4]** U Gonatan nehha l-mantar li kellu fuqu, u tah lil David, u tah ukoll l-armatura tieghu, u sahansitra x-xabla u l-qaws u l-hżiem li kellu.**[1Sam:18:5]** U David kien johrog ghall-glied, u kull fejn kien jibaghtu Sawl kien jirbah. U Sawl qieghdu fuq in-nies tal-gwerra. U kien migjub min-nies kollha u mill-qaddejja kollha ta' Sawl.

Il-verb "tħobb" (*'ahav*) lil xi ħadd bħala innifsek (v.3b), li litteralment ifisser "bħal ruħek", hi espressjoni komuni fl-Iskrittura. F'*1Sam 19:1* insibu l-espressjoni "*imma Gonatan bin Sawl kellu qalbu marbuta ma' David"* (*haphez*) li fil-Bibbja ġieli nsibuha użata b'konnotazzjoni erotica (Ġn 34:19), imma anki f'sens newtrali (S 18:20; 1Sam 18:22). F'din is-silta (1Sam 19:1), *qalbu marbuta* trid tittieħed fil-kuntest tas-silta, liema kuntest ma jagħtiniex ħjiel ta' konnotazzjoni erotika.

L-istess ngħidu għat-tneħħija tal-mantar u l-għoti ta' l-armatura. F'dan il-ġest – meta neħduh fil-kuntest – naraw li Ġonatan qed jirrikonoxxi lil David bħala dak li għandu dritt għas-suċċessjoni tat-tron ta' missieru Sawl. Il-ġest li jagħmel Ġonatan jissiġilla tip ta' patt bejnu u bejn David. Għaldaqstant, mill-bidu naraw li din l-imħabba bejn David u Ġonatan għandha sens teoloġiku u narattiv importanti, u mhux sens erotiku.

*|1Sam 20:40-21,1|*

**[1Sam:20:41]** Xhin telaq it-tfajjel, David qam minn hdejn il-borg gebel u nxtehet wiccu fl-art, u baxxa rasu ghal tliet darbiet; mbaghad biesu lil xulxin, u bkew lil xulxin sewwa, imma l-aktar David.**[1Sam:20:42]** U Gonatan qal lil David:˝Mur bis-sliem. Ahna hlifna lil xulxin b'isem il-Mulej u ghedna: 'Il-Mulej xhud ghal dejjem, bejni u bejnek, bejn in-nisel tieghi u bejn in-nisel tieghek.'

Il-verb ebrajk *nisheq* li jintuża biex ifisser tgħanniqa, xi drabi jista' ifisser ukoll "tagħti bewsa" (v.41). Fl-Għanja ta' l-Għanjiet (1:2,8:1) hu użat f'sens erotiku, biss hawn il-kuntest hu wieħed ta' tluq u firda u għalhekk aktar jixbah lill-bewsa li ta Mose lil ħatnu (Eż 18:7) jew it-tgħanniqa tal-presbiteri ta' Efesu ma' Pawlu (At 20:36-38).

*|2Samwel 1:26|*

**[2Sam:1:26]** Jien imgħolli għalik, Gonatan ħija, l-għożża tiegħi u l-għaxqa għalija! Mħabbtek għalija egħżeż minn imħabbet in-nisa!

Il-kelma imħabba (*'ahavah*) użata hawnhekk hi komuni u ma tintużax biss għall-imħabba konjugali (Os 3:1), imma anki biex tfisser l-imħabba ta' Alla għall-poplu tiegħu (Is 63:9) u viċe-versa (Dt 6:5), anki l-imħabba lejn il-pajjiż. Biex nifhmu x'irid tassew ifisser David f'dan il-lament funebri jeħtieġ nirrikorru għal dak li nafu dwar il-ħajja u r-relazzjoni ta' bejn David u Ġonatan. Mis-siltiet li rajna ikkonkludejna li din ma kinitx relazzjoni erotika u allura anki dak li jrid jgħid David hawnhekk m'għandux konnotazzjoni erotika.

*Konklużjoni għat-testi flimkien*

L-ebda kelma, l-ebda ġest li bih l-Iskrittura tiddeskrivi l-imħabba ta' bejn David u Ġonatan mhuma limitati għall-kuntest erotiku. Ir-relazzjoni ta' David u Ġonatan hi meqjusa mill-awtur sagru minn lenti politika u teoloġika. Għaldaqstant dawn ir-rakkonti li jirreferu għall-imħabba ta' bejn David u Ġonatan mhumiex eżempju ta' tolleranza ta' l-omosesswalità fil-Bibbja.

- *Levitiku*

**[Lev:18:22]** La timteddx ma' raġel, bħalma timtedd ma' mara; għax hi ħaġa moqżieża.
**[Lev:20:13]** Meta raġel jimtedd ma' raġel bħalma jimtedd ma' mara, it-tnejn ikunu għamlu ħaġa moqżieża: jagħtuhom il-mewt; demmhom fuqhom.

Jingħataw tliet spjegazzjonijiet għal dawn il-projbizzjonijiet tal-Levitiku: (i) id-differenza speċifika bejn Iżrael u l-popli; (ii) il-ħarsien tal-fertilità biex tassigura dixxendenza; (iii) il-ħarsien tal-paċi fil-familja. Ilkoll huma spjegazzjonijiet soċjali u mhux persunali. Imma nistgħu ngħidu li l-Bibbja ma titkellimx dwar hena personali sħiħa 'il barra minn komunità tal-bnedmin tant li mill-bidu nsibu: *"M'hux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih."* (Ġn 2:18).

Nisiltu dawn il-konklużjonijiet: il-preċetti li nsibu kontra l-atti omosesswali huma preċetti importanti u mhux minuri; ukoll, jirrigwarda l-ġid tal-familja aktar milli dak ta' l-individwu waħdu; jipprojbixxu l-unjoni karnali bejn żewġ irġiel u mhux l-inklinazzjoni tagħhom; għalkemm jitkellem fuq l-unjoni bejn żewġt irġiel nistgħu ngħidu li bi probabilità - skond il-Bibbja – anki l-unjoni omosesswali bejn żewġ nisa hi projbita.

Element rilevanti u interessanti li joħroġ minn dan is-sens ta' *Lev* hu l-fatt *soċjali* ta' dawn l-unjonijiet fis-sens li huma interdetti għax jagħmlu ħsara lill-familja u lill-ordni fir-relazzjonijiet.[19]

*<u>It-Testment il-Ġdid</u>*

- *Pawlu*

*|1Kor 6-9|*

**[1Kor:6:9]** Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effeminati *(malakoí)* , la omosesswali *(arsenakoîtai)* ,**[1Kor:6:10]** la ħallelin, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla!

*|1Tm 1:8-11|*

**[1Tim:1:8]** Issa aħna nafu li l-Liġi hi tajba jekk wieħed jinqeda biha tajjeb;**[1Tim:1:9]** nafu li l-Liġi m'hijiex magħmula għal dawk li huma tajbin, imma għal dawk li huma bla liġi u bla rażan, ħżiena u midinbin, bla reliġjon u sagrilegi, qattiela ta' missirijiethom u ta' ommijiethom, qattiela,**[1Tim:1:10]** żienja *(pórnoi),* omosesswali *(arsenokoítais),* negozjanti ta' l-ilsiera *(andrapodistaîs)*, giddieba, dawk li jaħilfu l-falz; u għal dak kollu li jmur kontra t-tagħlim sħiħ.

Minn dawn iż-żewġ siltiet nikkonkludu li t-terminu *malakós* jirreferi għall-partner passiv ta' unjoni omosesswali, waqt li *arsenokoítēs* (*ársēn*: raġel; *koítēs*: sodda) tirreferi għall-partner attiv. Il-ġudizzju tal-Pawlu fil-konfront tagħhom huwa ċar: ma jistgħux jidħlu fis-Saltna ta' Alla. Minn hawn naraw li allura huma meqjusa atti gravi ħafna għax joffendu direttament il-Liġi ta' Alla. Dan it-tagħlim ta' Pawlu huwa f'sintonija mal-ġudajiżmu ta' l-I seklu w.K.. Tajjeb li nżidu ngħidu li Pawlu ma jdaħħalx distinzjoni marbuta ma' l-orjentament sesswali. Hu jikkundanna l-atti fihom infushom.

*|Rum 1:18-32|*

**[Rum:1:25]** Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba, u taw il-ġieħ u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-Ħallieq, li jkun imbierek għal dejjem. Amen.**[Rum:1:26]** Għalhekk Alla telaqhom għal ġibdiet bla ġieħ. In-nisa tagħhom bidlu l-użu naturali fl-użu kontra n-natura *(para fisin)*;**[Rum:1:27]** hekk ukoll l-irġiel ħallew l-użu naturali tal-mara u xegħlu bil-passjoni għal xulxin, rġiel ma' rġiel, biex jagħmlu ħwejjeġ bla ġieħ; u bi ħlas ta' dan jirċievu fihom infushom il-ħlas li ħaqqhom ħtijiethom. **[Rum:1:28]** Billi l-bnedmin ma għoġobhomx jagħrfu sewwa lil Alla, Alla rħiehom fil-fehmiet ħżiena tagħhom, biex għamlu dak li ma jixraqx.**[Rum:1:29]** Mtlew b'kull xorta ta' inġustizzja...

F'din l-ewwel parti ta' *Rum* Pawlu qed juri kif id-dinja kollha taqa' taħt il-korla ta' Alla. Hu jsemmi lill-bnedmin li waqgħu fl-idolatrija u jelenka l-atti omosesswali bħala konsegwenza tagħha. F'din is-silta, Pawlu jagħmel riferenza għall-ħolqien u juri kif bl-idolatrija l-bniedem jiġu maħkum mill-ħlejjaq kontra l-pjan ta' Alla.

• *para fisin*
X'jifhem San Pawl b'*natura*? Għall-awturi antiki kontemporanji għal Pawlu, l-aġġettiv "naturali" seta' ifisser dawk l-atti li kienu jaqblu ma' konvenżjoni soċjali u li kienu jiġu espressi, per eżempju, f'korp ta' liġijiet. Għaldaqstant, fil-kultura greko-rumana, aktar milli l-istruttura mara-raġel, hu r-rapport dominatur-sottomess li kien jistabilixxi n-norma morali. Rapport sesswali kien "kontra n-natura" jekk ma kienx jirrispetta din in-norma. F'koppja, ir-raġel kien dak li jiddomina u l-mara dik li

[19] Ibid., 59.

tissommetti ruħha. Għalhekk ukoll li fl-Imperu Ruman l-unjoni [sesswali] ta' sid ma' wieħed mill-iskjavi rġiel tiegħu ma kinitx meqjusa "kontra n-natura" għax kienet tirrispetta l-istruttura soċjali. Iżda [dejjem hawn qed nitkellmu mill-att sesswali] jekk l-iskjav kien jiddomina lis-sid dan l-att kien meqjus "kontra n-natura". Anki s-sess omosesswali bejn żewġ nisa kien meqjus "kontra n-natura" għax il-mara, li suppost għandha rwol passiv u sottomess, tieħu rwol dominanti u attiv.[20] Pawlu, li kien jgħix fid-dinja greko-rumana ma kienx barrani għal dawn il-kunċetti. Imma ma ninsewx ukoll li hu kellu kultura ġudejo-ellenistika. Pawlu, infatti, fil-kitbiet tiegħu ma tantx jaqbel mal-viżjoni greko-rumana tas-sesswalità, bħalma semmejna l-każ tal-fatt li jagħti lill-mara u lir-raġel dinjità ugwali (1Kor 7).

Anki l-kuntest ta' *Rum 1:19-23* jgħinna nifhmu b'*natura* dak l-ordni li Alla ried, liema ordni jidher fil-ħolqien. F'dan il-kuntest, "kontra n-natura" jista' ifisser dak li jmur kontra l-ordni ta' raġel u mara stabilit minn Alla fil-ħolqien (Ġn 1:2-24). Alla ried l-unjoni sesswali tar-raġel u tal-mara, u din ir-rieda divina, jew liġi divina, hi miktuba fin-natura. Il-bniedem jista' iħares din il-liġi permezz ta' l-elementi kollha li jikkaratterizzaw l-identità sesswali, bil-ġenitalità bħala waħda mill-elementi prinċipali. F'dan il-kuntest, l-atti omosesswali jidhru li huma "kontra n-natura" għax imorru kontra l-pjan tal-Ħallieq in kwantu "jingħaqdu f'unjoni" żewġ persuni ta' l-istess sess. Biex ngħiduha bit-termini tad-dinja Rumana ta' żmien Pawlu, l-atti omosesswali ma jirrispettawx il-konvenzjoni soċjali mwaqqfa minn Alla fil-ħolqien. B'dan nifhmu l-espressjoni *para fisin*.

Għaldaqstant, Pawlu jikkundanna l-atti ta' karattru omosesswali u x-xewqat li jwasslu għalihom. M'għandniex kundanna ta' l-omosesswalità bħala realtà psikoloġika li tista jew ma tistax tesprimi ruħha f'ċerti komportamenti affettivi jew sesswali.

- *Ġesù*

*Id-dixxiplu li "Ġesù kien iħobb"*

**[Ġw:13:23]**Wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li Ġesù kien iħobb, kien maġenbu fuq il-mejda, b'rasu ma' sider Ġesù.

Ix-xena tad-dixxiplu l-maħbub fuq sider Ġesù fl-Aħħar Ċena (Ġw 13:22-26) ġieli tiġi użata bl-addoċċ biex wieħed jgħid li dan id-dixxiplu kien omosesswali. Tajjeb ngħidu li il-posizzjoni minduda (*anákeimai*) mhix waħda erotika f'dan il-kuntest għax kienet il-posizzjoni ta' dawk li joqogħdu madwar il-mejda (Ġw 6:11; Ġw 12:2; Mt 9:10). Barra minn hekk, hawn l-evanġelista jsemmi mill-ġdid il-"ġuf" (*kolpos*) tal-prologu (1:18). Dan juri li l-intimità li teżisti bejn l-Iben u l-Missier għandha tkun il-mudell ta' l-intimità bejn dan id-dixxiplu u Ġesù, xi ħaġa li sseħħ għal kull dixxiplu permezz tal-filjolanza divina. F'dan il-kuntest nifhmu li l-espressjoni "id-dixxiplu li Ġesù kien iħobb" hu dak li jgħammar f'Alla u Alla fih, bħalma il-Verb jgħammar f'ġuf il-Missier. Din il-komunjoni trinitarja hu msejjaħ għalija kull Kristjan.

*Ġesù wassal il-Liġi għall-perfezzjoni* (Mt 5-7) u għalhekk ma nistgħux ngħidu li s-silenzju ta' Kristu dwar l-omosesswalità jimplika xi tip ta' aċċettazzjoni jew tibdil minn dak li kien jgħid il-*Lev*.

---

[20] Ibid., 76.

*Ġesù juri ħniena mal-midneb*. Diversi episodji tal-Vanġelu juruna li Ġesù ġie biex isalva lill-midneb. Hu jiltaqa' ma' xi midinba "sesswali" bħalma huma l-adultera (Ġw 8:1-11) u l-midinba maħfura (Lq 7:36-50).

*L-imħabba.* Fit-tagħlim ta' Ġesù, l-imħabba hi meqjusa bħala r-ruħ tal-Liġi hekk li din tista' tinġabar fil-Kmandament ta' l-Imħabba: "Il-ħlewwa ta' Ġesù lejn il-midneb niedem twasslu biex ma jsemmix il-Liġi. Min-naħa l-oħra, l-atteġġjament tal-midneb, jixhed li din hija diġà magħrufa u milqugħa".[21]

[21] Ibid., 99.

# 4

# il-persuna omosesswali fit-tagħlim tal-maġisteru

## *għeluq*

Minn dak li rajna jidher li weġibna l-mistoqsija ta' dan il-każ. Imma hu importanti li f'diskussjoni bħal dik ta' Pietru ma' Xandru ma tissemmix biss l-Iskrittura. Dan għaliex l-argument ta' l-omosesswalità, "li hu tant preżenti fid-dibbattitu soċjali ta' bħalissa, jokkupa post relattivament ridott fl-Iskrittura".[22] Infatti, il-Maġisteru tal-Knisja jibni wkoll it-tagħlim tiegħu fuq l-omosesswalità anki fuq xjenzi bħalma huma l-psikoloġija. Fi tmiem dan il-każ tagħna, sejrin, għalhekk, naraw fil-qosor x'tgħallem il-Knisja dwar l-omosesswalità. Mhux l-għan tagħna li nispjegaw kull dokument fid-dettall, imma biss li nelenkaw il-punti prinċipali li joħorġu minnhom.[23]

L-ewwelnett, il-Knisja taċċetta li jista' ikun li l-orjentazzjoni omosesswali hi "tip ta' istint li titwieled bih".[24] In kwantu persuni, il-Knisja tgħallem li dawk li g]andhom orjentament omosesswali għandhom jiġu milqugħa "b'rispett, kompassjoni u delikatezza", u tikkundanna bl-aħrax kull tip ta' diskriminazzjoni kontrihom.[25] Għal Knisja, l-omosesswalità hi "problema",[26] u "fenomenu morali u soċjali nkwetanti".[27] Meta l-Knisja titkellem dwar il-persuni omosesswali, hi titkellem fid-dawl tar-rispett sħiħ li għandha lejn il-verità tal-persuna umana, il-libertà fundamentali tagħha,[28] u l-vokazzjoni traxxendentali li għaliha hi msejħa.[29] Barra minn hekk, il-Knisja tiddistingwi bejn atti omosesswali u tendenzi omosesswali:

> Dwar l-*atti*, il-Katekiżmu jgħallem li l-Iskrittura Mqaddsa[30] tippreżentahom bħala dnubiet gravi. It-Tradizzjoni spiss ikkunsidrathom bħala intrinsikament immorali u kuntrarji għal-liġi naturali. Għaldaqstant, bl-ebda mod ma jistgħu jiġu approvati.
>
> *Tendenzi* omosesswali profondi (*deep-seated*), li jinstabu f'numru ta' irġiel u nisa, huma wkoll oġġettivament diżordinati[31] u, għal dawn l-istess persuni ikunu ġeneralment ta' prova. Dawn il-persuni għandhom jiġu milqugħa b'rispett u

---

[22] Ibid., 108.

[23] Id-dokumenti li jitkellmu dwar l-omosesswalità huma dawn: maħruġa mic-CDF: *De persona humana* (1975) [fuq l-etika sesswali]; *Homosexualitatis problma* (01 Ott 1986) [kura pastorali tal-persuni omosesswali]; *Some considerations concerning the response to legislative proposals on non-discrimination of homosexual persons* (23 Jul 1992) [fuq in-non-diskriminazzjoni]; *Considerazioni circa i progetti di riconoscimento legale delle unioni tra persone omosessuali* (03 Jun 2003) [fuq unjonijiet bejn koppji omosesswali]; mill- CONGREGATIONIS DE INSTITUTIONE CATHOLICA, *Istruzzjoni dwar il-kriterji għad-dixxerniment tal-vokazzjonijiet rigward persuni b'tendenzi omosesswali in vista ta' l-ammissjoni tagħhom fis-Seminarju u għall-Ordnijiet Sagri* (4 Nov 2005).

[24] CDF, *Declaration on certain questions concerning sexual ethics De Persona Humana* (1975) 8.

[25] Cf. Ibid., *Homosexualitatis problema* (01 Oct 1986), 10 : 29; *Some considerations concerning the response to legislative proposals on non-discrimination of homosexual persons* (23 Jul 92).

[26] Cf. Ibid., *Homosexualitatis problema* (01 Oct 1986), 1 : 17.

[27] Ibid., *Considerazioni circa i progetti di riconoscimento legale delle unioni tra persone omosessuali* (03 Jun 2003), 1 : Vaticano 2003, 3.

[28] Cf. Ibid., *Homosexualitatis problema* (01 Oct 1986), 11 : 31.

[29] Cf. Ibid., 16 : 37.

[30] Ġen 19,1-29; Rum 1,24-27; 1 Kor 6,10; 1 Tim 1,10

[31] "Għalkemm l-inklinazzjoni partikulari tal-persuna omosesswali mhijiex dnub, xorta hi ftit jew wisq tendenza qawwija ordinata lejn il-ħażin morali intrinsiku; u għalhekk l-inklinazzjoni nfisha għandha titqies bħala diżordni oġġettiv." *Homosexualitatis problema* (1 Ott 1986), 3 : 19.

> sensittività. Kull sinjal ta' diskriminazzjoni n[usta kontrihom għandu jiġi evitat. Huma msejħa sabiex iwettqu r-rieda ta' Alla f'ħajjithom u jsieħbu id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom mas-sagrifiċċju tal-Mulej fuq is-Salib.[32]

Riċentament, il-Knisja ħeġġet lill-politiċi, speċjalment dawk kattoliċi biex ma jirrikonoxxux tip ta' unjonijiet jew żwiġijiet bejn persuni omosesswali għax inkella jkunu qed "jillegalizzaw il-ħażin", u saħqet kontra l-adozzjoni tat-tfal minn dawn il-koppji, liema "adozzjoni tfisser tagħmel vjolenza fuq dawn it-tfal fis-sens li wieħed japprofitta mill-istat dgħajjef tagħhom biex idaħħalhom f'ambjenti li ma jiffavorixxux l-iżvilupp sħiħ tagħhom".[33] Fl-aħħarnett, fl-2005 ħareġ dokument-istruzzjoni dwar "jekk tamettix jew le fis-seminarju u għall-ordnijiet sagri kandidati li għandhom tendenzi omosesswali profondi (*deep-seated*)."[34]

*nota persunali*

Kieku jien inkun flok Pietru, nipprova nuri lil Xandru din il-verità, anki jekk doloruża. Fl-aħħar mill-aħħar, l-imħabba fraterna titlob li ma noqgħodx lura milli ngħidlu dak jista' ikun ta' ġid tassew għalih. Intemm b'żewġ kwotazzjonijiet ta' Ratzinger, illum Papa Benedittu XVI li jistgħu jgħinuna fir-riflessjoni tagħna dwar dan il-każ:

> Those who find themselves in this [homosexual] condition must be object of a particular solicitude so that they may not believe that such a tendency in homosexual relations is a morally acceptable one… In this way, the Church is convinced that it does not harm homosexual persons, but on the contrary, defends them from the devastating consequences of groups that damage their human dignity. [35]

> In modern society, which is dominated by the media, the law of the Church and the power of Rome, which are allegedly so perilious, appear, on the contrary, like the young David facing the giant Goliath. When the bearers of the apostolic office dare today to exercise the authority which has been committed to them in matters of doctrine, they enter almost inevitably into the form of apostolic existence depicted by Saint Paul: "[We] have become, and are now, as the refuse of the world, the offscouring of all things" (1Cor 4:13). The authority of the Church can continue to be exercised in our society only in the sign of contradiction, and precisely in this way it returns to its true nature.[36]

---

[32] CONGREGATIONIS DE INSTITUTIONE CATHOLICA, *Istruzzjoni dwar il-kriterji għad-dixxerniment tal-vokazzjonijiet rigward persuni b'tendenzi omosesswali in vista ta' l-ammissjoni tag]hom fis-Seminarju u għall-Ordnijiet Sagri* (4 Nov 2005) : Vatikan 2005, 5. Dwar kif jissieħbu mat-tbatijiet ta' Kristu ara *Homosexualitatis problema*, 12 : 31-32. Ara wkoll KATEKIŻU TAL-KNISJA KATTOLIKA 2357-2359 : Malta 1993, 548-549. L-*editio typica* tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika tal-verżjoni ta' l-1997 biddlet it-terminu "tendenza innati" ma' "tendenze profondamente radicate". Il-verżjoni Maltija ta' Katekiżmu ta' l-1992 tittraduċi "tendenzi omosesswali fil-fond".

[33] Ara *Considerazione* (03 Jun 2003) : Vatikan 2003.

[34] CONGREGATIONIS DE INSTITUTIONE CATHOLICA, *Istruzzjoni dwar il-kriterji għad-dixxerniment tal-vokazzjonijiet rigward persuni b'tendenzi omosesswali in vista ta' l-ammissjoni tagħhom fis-Seminarju u għall-Ordnijiet Sagri* (4 Nov 2005).

[35] RATZINGER, *Introduzione*, in *Cura Pastorale*... Vaticano 1995, 11-12.

[36] RATZINGER, *The nature and mission of theology*, San Francisco 1995, 6.

## bibliografija


***dokumenti tal-Knisja***

ĠWANNI PAWLU II, Enċiklika *Familiaris consortio* (22 Novembru 1981) : Milan[39] 2006.

KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA (11 Ott 1992) : Blata l-Bajda, Malta.

KONĊILJU EKUMENIKU VATIKAN II : *Id-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II,* Edizzjoni Studia 1983, 2003.

KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA, *Il-Knisja dwar rabtiet bejn koppji omosesswali* : *Atti tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex* (242/Ott 2003), 6 (suppl.), f'*Il-Ħajja f'Għawdex* (Għawdex/Malta Ott 2003).

CONGREGATIONIS DE INSTITUTIONE CATHOLICA, *Istruzzjoni dwar il-kriterji għad-dixxerniment tal-vokazzjonijiet rigward persuni b'tendenzi omosesswali in viżta ta' l-ammissjoni tagħhom fis-Seminarju u għall-Ordnijiet Sagri* (4 Nov 2005)

CONGREGATIONIS PRO DOCTRINA FIDEI, *Persona Humana* : Vatican 1975.
———, *Persona humana* (1985)
———, *Some considerations concerning the response to legislative proposals on non-discrimination of homosexual persons* (23 Jul 1992)
———, *Cura pastorale delle persone omosessuali. Lettera e commenti* (= Documenti e studi 11) Vaticano 1995.
———, *Considerazioni circa i progetti di riconoscimento legale delle unioni tra persone omosessuali* : Vaticano 2003.

***kotba ikkonsultati***

BARTOLO Paul A. – BORG Mark G. (eds.), *Homosexuality. Challenging the stigma*, Proceedings of the V Malta Conference of Psychology organized by the Malta Union of Professional Psychologists with the participation of the Malta Gay Rights Movement 08 Feb 2002, Malta 2003.

INNOCENT HIMBAZA – ADRIAN SCHENKER – JEAN-BAPTISTE EDART, *Omosessualità nella bibbia*, Milan 2007.

RATZINGER Joseph, *The nature and mission of theology*, San Francisco 1995.

THEODORE MACKIN, *What is marriage?*, New York 1982.

***artikli ssuġġeriti għall-approfondiment ulterjuri***

COLEMAN Gerald D., *Homosexuality. Catholic teaching and pastoral practice*, New York 1995.

CROWLEY Paul G., *Homosexuality and the counsel of the Cross*, f'*Theological Studies* 65 (2004).

GROCHOLEWSKI Zenon, *Quando non è opportuno ammettere al sacerodozio*, intervistat minn Gianni Cardinale, f'*30 Giorni* (NOV 2005).

KEENAN James F., *The open debate: moral theology and the lives of gay persons*, f'*Theological Studies* 64 (2003).

POPE Stephen J., *The Magisterium's arguments against "same-sex marriage": an ethical analysis and critique*, f'*Theological Studies* 65 (2004).

[fuq il-fenomenu fis-soċjetà:]

ISRAELY Jeff, *Family matters*, f'*Time* (10 Mar 2008).

MAYER Catherine, *Nuclear implosion*, f'*Time* (09 Ott 2006).